MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 597/2002

**Carmelo Abela Marketing Limited**

**vs**

**Stephen u Rosanne konjugi Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Ottubru,2002 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuha s-somma ta' elfejn, mitejn u erba' u sittin lira maltin u sitt centezmi (Lm2264.06) rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Awissu 2002, tal-mandat ta' qbid numru 2092/02FF prezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-9 ta' Lulju, 2002 data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici fl-avviz mhux dovut stante illi l-bejgh u l-konsenja saret fuq inkarigu ta’ terzi proprio.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi kien hemm relazzjoni kummercjali attiva ghaddejja ghal hafna snin bejn is-socjeta’ attrici u l-familja tal-konvenuta Rosanne Micallef. Wara z-zwieg taghha dahal il-konvenut zewgha Stephen li beda jinnegozja mill-hanut maghruf bhala “Jimmy Store”, is-Suq tal-Belt.

Pierre Abela Direttur tas-socjeta’ attrici spjega illi kien hemm kont miftuh bejn il-partijiet bazat fuq relazzjoni ta’ fiducja illi tmur lura diversi snin. Meta x-xoghol gie f’idejn il-konvenut Stephen Micallef bdew jinqalghu d-diffikultajiet peress illi ma kienux isiru l-pagamenti kollha. Il-metodu ta’ kummerc bejn il-partijiet kien illi l-konvenut jordna l-merkanzija, din tigi fatturata u min jirceviha jiffirma fuq il-fattura. Fl-ahhar ta’ kull xahar jintbaghat *statement*. Il-merkanzija gieli kienet ordnata mill-konvenut u gieli mis-salesman tieghu Oswald Mifsud. Meta Abela tkellem ma’ Micallef dwar il-pendenzi, dan ta’ l-ahhar qallu illi fejn iffirma s-salesman jew il-lavrant ma kienx responsabbli. Abela jkompli jghid: *“pero’ f’dan il-kaz hemm fatturi illi gew konsenjati direttament lill-konvenut li ffirma ghalihom hu, izda lanqas dawn ma hallas.”* Abela esebixxa *statement* u kopji tal-fatturi kollha li jidhru fuq l-istess dokument.

Is-salesman Oswald Mifsud xehed illi huwa hadem mal-konvenuti bejn is-6 ta’ Mejju, 2002 u d-9 ta’ Lulju 2002. Ghall-ewwel sakemm dera x-xoghol kien jakkompanja lill-

konvenut fix-xiri tal-merkanzija u mbaghad beda jibghatu wahdu. A fol 39 ighid testwalment: *"jiena dejjem esegwejt l-ordnijiet tal-konvenut b'mod skrupolozament. Qatt ma gibidli l-attenzjoni li ma kontx qed ingiblu x-xoghol illi kien ordna. Ix-xoghol dejjem ikkonsenjajtu lill-konvenut. Qatt ma zammejt xejn ghalija."*

Il-konvenut minn naha l-ohra qed jibqa' jinsisti li x-xoghol li ha Oswald Mifsud qatt ma wasal ghandu. Jghid illi huwa minnu li gieli baghat lil Mifsud sabiex igiblu xi ordnijiet u anke fdah bil-flus ghal xi hlasijiet. Ghal dawk li jirrigwardaw l-statements, Micallef ighid illi ma jaghtix kazhom u ghad li kien jircevihom u nduna li kien hemm xi diskrepanzi, xorta ma tax kaz u baqa' ghaddej bix-xoghol tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi x-xhieda moghtija mill-konvenut mhijiex affidabbli. Hija konvinta li qed juza l-iskuza ta' Oswald Mifsud sabiex jahrab mir-responsabbiltajiet tieghu. Micallef ighid li wara li Mifsud spicca mix-xoghol ma rahx aktar, pero' l-Qorti jidhrilha illi Mifsud ma kienx daqshekk impossibli li jigi rintraccat tant illi xehed fl-atti wara tahrika regolari. Il-Qorti tiskanta kif Micallef qed jaghmel allegazzjonijiet bhal dawn u mbaghad ma jiehux passi kontra Mifsud! Barra minn hekk, il-metodu ta' kif jezercita' l-kummerc huwa wkoll suspett. Ma tistax tifhem kif persuna fin-negozju jircievi *statement* minghand is-*supplier* u ma jaghtix kazu, minkejja li jinduna li jkun hemm id-diskrepanzi. Dan huwa sinjal ta' traskuragni kbira li abbinata mad-deposizzjoni suspetta li ta, l-Qorti lesta li twarrab ghal kollox ix-xhieda moghtija mill-konvenut. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi f'dawn ic-cirkostanzi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet u l-Qorti hija moralment konvinta mill-kaz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuha s-somma ta' elfejn, mitejn u erba' u sittin lira maltin u sitt centezmi (Lm2264.06) rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------